**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 182/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Godwin DEBONO**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Mejju 2023 fil-konfront ta' **Godwin DEBONO**, iben Alfred u Iris nee` Camilleri, imwieled fil-25 ta' Diċembru 1965 u joqgħod 3, Shipley Court, Fl 5, Triq H. Calleja Schembri, Msida, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 19766(M), li ġie mixli talli:

   Nhar id-29 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 18.30hrs fi Triq Nazju Falzon Msida, kantuniera ma' Triq Ħriereb, Msida, saq vettura b'numru ta' reġistrazzjoni KID 804:

1. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa, minħabba f'hekk Danny Ramsey Lasso Chaves bata offiża gravi fuq il-persuna, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skond kif iċċertifika Dr. Bernard Briffa MD mill-MDH;

2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

3. U aktar naqas milli jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'Stop'.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tnaqqas il-punti mil-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, Art. 36B u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 Sitt Skeda.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat **Godwin DEBONO** (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200), oltre illi ordnat li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan tiegħu għal perjodu ta' tlett xhur u mponiet tmien punti ta' penali fuq il-liċenzji tas-sewqan tiegħu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Godwin DEBONO** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti "*sabiex tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Mejju, 2023*

*u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tirriformaha u teroga piena li tkun aktar gusta u idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali ippreżentat risposta għar-rikors tal-appell ta' **DEBONO**, li permezz tagħha wieġbet illi din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tal-appell fl-intier tagħha u tikkonferma s-sentenza appellata, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar il-5 ta' Diċembru 2023, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-mertu tal-appell.

## F. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi jibda biex jingħad illi minkejja illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali saru, fil-maġġor parti tagħhom, bil-lingwa Ingliża, u l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħti s-sentenza tagħha wkoll b'dik il-lingwa, ma tirriżulta l-ebda ordni minn dik il-Qorti fl-atti proċesswali sabiex il-proċeduri jitmexxew bil-lingwa Ingliża. Il-Qorti tinnota illi r-rikors ta' l-appell tal-appellant **DEBONO** sar bil-lingwa Maltija, ir-risposta tal-Avukat Ġenerali wkoll saret bil-lingwa Maltija u l-proċeduri quddiem din il-Qorti wkoll tmexxew bil-lingwa Maltija, wara li l-Qorti aċċertat ruħha illi l-appellant jifhem bil-lingwa Maltija. Għaldaqstant, din il-Qorti se tipproċedi bil-lingwa Maltija.

7. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar id-29 ta' Lulju 2022 għall-ħabta tas-18.30hrs, il-Pulizija ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema ġew infurmati illi kien għadu kif seħħ inċident stradali ġewwa Triq Nazju Falzon, kantuniera ma' Triq Ħriereb, ġewwa l-Imsida bejn vettura tal-għamla Citreon Picasso bin-numru ta' reġistrazzjoni KID 804 misjuqa mill-appellant **Godwin**

**DEBONO** u mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FQZ 603 misjuq minn Danny Ramsey Lasso Chaves, li safa mweġġa' u għalhekk ġiet imsejħa l-ambulanza fuq il-post. Jirriżulta wkoll illi mal-wasla tal-Pulizija fuq il-post, ix-xufier tal-mutur kien diġa` ttieħed ġewwa l-isptar Mater Dei. Fuq il-post ġie mitkellem ix-xufier tal-vettura, ossia l-appellant odjern, li ta l-verżjoni tiegħu dwar l-inċident. Huwa stqarr illi waqaf fuq l-i*stop sign* ta' Triq Nazju Falzon, Imsida. Hekk kif ma ra lil ħadd ġej min-naħa tal-lemin tiegħu, huwa ħareġ u meta wasal f'nofs it-triq ra l-mutur ġej b'veloċita` qawwija, bl-istess mutur jibqa' dieħel fih. Dak il-ħin huwa waqaf, u ta l-ewwel assistenza lis-sewwieq tal-mutur u ċempel għall-ambulanza.

8. Ġie mitkellem ukoll ċertu Fahed Aijian (detentur tal-karta tar-residenza bin-numru 122817(A)), illi kien miexi f'dawk l-inħawi fil-mument tal-inċident u kien għalhekk illi rah iseħħ. Dan qal illi huwa ra l-mutur ġej b'veloċita` qawwija u daħal fil-vettura. Fahed Aijian xehed f'dawn il-proċeduri.

9. Illi nhar il-5 ta' Awwissu 2022, ġie mitkellem mill-Pulizija s-sewwieq tal-mutur, li preżenta liċenzja tas-sewqan Kolombjana, liema liċenzja ma kinitx tkoprih għas-sewqan ta' muturi. Għalhekk huwa ġie nfurmat li kienu se jinħarġu akkużi wkoll fil-konfront tiegħu. Da parti tiegħu, huwa stqarr illi huwa kien qed isuq u meta wasal fil-kantuniera, huwa naqqas il-veloċita`. Stqarr ukoll illi huwa ħaseb illi l-vettura kienet se tieqaf, iżda x'aktarx ix-xufier ma rahx, u rah biss meta kien laħaq wasal f'nofs it-triq.[1]

10. Illi nhar l-1 ta' Diċembru 2022, inbdew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tal-appellant dwar ir-reati fuq indikati, u l-istess Qorti għaddiet għas-sentenza fil-konfront tal-istess appellant nhar it-2 ta' Mejju 2023, kif ingħad.

11. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant **DEBONO** jilmenta mid-deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li taċċetta r-rapport mediku ta' Dr. Bernard Briffa bħala evidenza u dan stante illi dan ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament. Isostni l-appellant illi t-tabib Briffa ma xehedx f'dawn il-proċeduri u l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi l-affidavit

[1] Ara l-affidavit ta' PS 2345 M. Mangion, a fol. 2 *et seq* tal-proċess.

tiegħu. L-appellant iżid ukoll illi r-rapport mediku ma jagħtix indikazzjoni ta' kif ġew ikkawżati l-ġrieħi li allegatament sofra l-parte ċivile. Dan ikun għalhekk jissarraf f'irregolarita` proċedurali li ma tistax tiġi sanata u bħala konsegwenza l-imsemmi rapport għandu jiġi sfilzat. L-appellant jgħid ukoll illi fil-*Full Road Traffic Accident Report*, il-ġrieħi li allegatament sofra l-parte ċivile ġew deskritti bħala *slight* u għalhekk m'hemmx evidenza li l-ġrieħi sofferti kienu ta' natura gravi, b'dan għalhekk illi l-ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni.

12. Illi l-appellant isostni wkoll kif ix-xhud okulari Fahed Aijan stqarr *a tempo vergine* kif kien il-parte ċivile li kien "*ghaddej bi sahha kbira*" u li l-"*helmet ma kienetx marbuta ghax ezatt kif habat inqalat*". Dan ġie kkonfermat minnu meta fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, huwa qal li l-parte ċivile "*kien ghaddej bis-sahha bis-sahha*", li "*tilef il-kontroll*", li "*kien ghaddej gas down*" u li jaħseb "*li tfixkel*". Għalhekk, jisħaq l-appellant, il-kawża tal-offiżi minnu sofferti kienu s-sewqan tal-parte ċivile u n-nuqqas ta' kontroll da parti tiegħu. L-appellant ikompli jgħid kif ix-xhud pajżan m'għamel l-ebda osservazzjoni dwar il-kwalita` tas-sewqan tiegħu, apparti li qal li huwa kien qiegħed isuq il-vettura u l-Prosekuzzjoni ma pproduċiet l-ebda evidenza f'dan ir-rigward. Skont l-appellant, l-ewwel Qorti nterpretat ix-xhieda tax-xhud bħala illi dan kien qed jiddeskrivi s-sewqan tiegħu, meta fil-fatt kien qed jiddeskrivi s-sewqan tal-parte ċivile. Għalhekk, isosnti l-appellant, il-Prosekuzzjoni ma setgħet qatt tipprova oltre kull dubju dettat mir-raġuni li huwa kien qiegħed isuq b'mod traskurat. Skont l-appellant, l-inċident seħħ biss b'riżultat tas-sewqan bla kont, perikoluż u traskurat tal-parte ċivile, li ma kellux liċenzja biex isuq mutur. Dan is-sewqan kien l-uniku kawża tal-inċident u tal-offiżi sofferti minnu.

13. L-appellant iżid illi huwa dejjem sostna li waqaf fuq l-i*stop sign*, kif jirriżulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu *a tempo vergine*, u l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib evidenza li turi li dan ma kienx il-każ. Skont l-appellant, ix-xhud qatt ma qal li huwa ma waqafx fejn kien hemm is-sinjal tal-i*stop*, imma qal biss li l-inċident seħħ wara li l-appellant qabeż il-post fejn kien hemm dan is-sinjal. Il-Prosekuzzjoni ressqet biss il-prova illi l-inċident seħħ f'nofs it-triq, iżda ma wrietx illi huwa naqas milli jieqaf fuq l-i*stop sign*. Dan ifisser illi t-tielet imputazzjoni ma ġietx ippruvata

sal-grad li trid il-liġi. Għalhekk lanqas ma tirriżulta ppruvata t-tieni imputazzjoni ta' sewqan traskurat.

14. L-appellant jilmenta wkoll illi l-Qorti tal-Maġistrati ma aċċettatx li jiġu ppreżentati ritratti tal-inċident, imma għal xi raġuni aċċettat li tiġi ppreżentata evidenza kemm mill-parte ċivile, kif ukoll mill-Prosekuzzjoni fl-istess stadju tas-seduta. Dan sar bi preġudizzju għalih u għad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Minnufih fir-rigward ta' dan l-aggravju jrid jingħad illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-appellant ittenta jippreżenta xi ritratti waqt it-trattazzjoni orali quddiem l-Ewwel Qorti, u għalhekk wara illi l-partijiet diġa` kienu għalqu l-provi tagħhom, u kien għalhekk illi l-Ewwel Qorti ma aċċettatx illi jiġu ppreżentati l-istess ritratti. Ma jistax jingħad l-istess għall-Prosekuzzjoni. In oltre għalkemm huwa minnu illi jidher illi l-parte ċivile preżenta xi dokumenti fl-istadju tat-trattazzjoni orali, apparti illi l-Ewwel Qorti mill-ewwel ikkumentat illi dawn kienu qed jiġu ppreżentati mingħajr ġurament, mis-sentenza appellata ma jirriżultax illi tali dokumenti b'xi mod inċidew fuq il-ħtija tal-appellant, anke għaliex kienu jirrigwardaw il-liċenzja tal-parte ċivile u jekk dan kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni, liema dokumenti fuq kollox lanqas ma jinsabu fl-atti proċesswali odjerni. Għalhekk din il-Qorti tqis illi l-appellant m'għandux raġun f'din il-parti tal-aggravju tiegħu.

15. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta minn piena eċċessiva tenut kont tal-fedina penali tiegħu, li hija waħda netta, u tal-fatt li l-appellant għandu bżonn il-liċenzja biex jaħdem u jaqla' l-għixien tiegħu bħala *delivery man*, kif ukoll għaliex anke l-parte leża kkontribwiet b'mod sostanzjali għall-inċident u saħansitra kien il-kaġun tiegħu. L-appellant jisħaq li hu kien il-*first responder* u kien hu li ċempel għall-ambulanza u kienu l-azzjonijiet tiegħu li kkontribwew għall-mitigazzjoni tad-danni subiti mill-parte ċivile.

16. Illi fil-mori tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, kemm l-appellant, kif ukoll il-vittma għażlu li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx ruħhom. Xehed madankollu Fahed Aijian, ix-xhud okulari li indika lis-sewwieq tal-vettura bħala lill-appellant odjern u lil Danny Ramsey Lasso Chavez bħala s-sewwieq tal-mutur involut fl-inċident. Huwa jixhed illi l-viżwali tas-sewwieq tal-vettura kienet ostakolata minn vann li kien jinsab fuq in-naħa

tal-lemin, wara l-i*stop sign,* b'tali mod illi s-sewwieq tal-vettura ma setax jara dak li kien ġej mil-lemin. Jixhed in oltre illi l-appellant qabeż l-i*stop sign* kważi sitt metri, meta kien ġej il-parti leża bil-mutur, li kien qed isuq bis-saħħa, bir-riżultat illi laqat il-vettura minn wara. Fi kliemu, "*nahseb tilef il-kontroll u laqatha minn wara li jien rajtu li laqatha minn wara*".[2] Ikompli jgħid hekk: "*Qabez is-sinjur tal-karozza qabez xi kwazi 6 metri wara l-istop 6 metri wara li qabez dan kien ghaddej gas down dak waqaf tal-karozza, wara li waqaf dan laqtu mil-genb mil-kantuniera tal-karozza minn wara, nahseb tfixkel meta kien qed isuq laqtu*".[3]

17. Illi da parti tiegħu, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-appellant stqarr *a tempo vergine* illi huwa waqaf fuq l-i*stop sign* ta' Triq Nazju Falzon, Imsida. Hekk kif ma ra lil ħadd ġej min-naħa tal-lemin tiegħu, huwa ħareġ u meta wasal f'nofs it-triq ra l-mutur ġej b'veloċita` qawwija, bl-istess mutur jibqa' dieħel fih. Dak il-ħin huwa waqaf, u ta l-ewwel assistenza lis-sewwieq tal-mutur u ċempel għall-ambulanza. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva illi ma jirriżultax mill-affidavit ta' PS 2345 M. Mangion, illi l-appellant ingħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt illi huwa jkun assistit minn avukat qabel jirrilaxxja stqarrija, iżda mill-banda l-oħra tinnota wkoll illi din l-istqarrija m'hijiex ikkontestata minnu, tant illi huwa stess jagħmel użu minnha fl-appell minnu ntavolat sabiex isostni l-posizzjoni tiegħu.

18. Il-Prosekuzzjoni tallega, tramite ċ-ċertifikat mediku ppreżentat minnha fl-atti proċesswali ffirmat mit-tabib Dr. Bernard Briffa, illi Danny Ramsey Lasso Chaves, f'dan l-inċident stradali, soffra feriti ta' natura gravi "*pending further complications*", kif deskritti fl-istess ċertifikat mediku. L-Ewwel Qorti għaddiet sabiex issib ħtija fl-appellant fit-termini tal-Artikolu 328(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jattakka din id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fid-dawl tal-fatt illi l-imsemmi ċertifikat mediku baqa' ma ġiex maħluf mill-istess tabib u dan la b'affidavit u lanqas permezz tax-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti.

19. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar il-mertu, din il-Qorti tosserva illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bir-reat ta' ħsara involontarja fit-termini tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali u mhux b'dak tal-offiża gravi

[2] Ara a fol. 20 tal-proċess. Din ix-xhieda tinsab a fol. 18 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol. 20 tal-proċess.

involontarja fuq il-persuna fit-termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali, bl-Ewwel Qorti ssib ħtija fl-appellant fit-termini tal-Artikolu 328(ċ) u ċioe` fir-reat ta' ħsara involontarja fejn b'konsegwenza ta' din il-ħsara, persuna tbati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

20. Mill-fattispeċje tal-każ jirriżulta illi fl-inċident stradali mertu ta' dawn il-proċeduri, il-parte leża ġarrab xi forma ta' ġrieħi mal-ħabta tal-mutur misjuq minnu mal-vettura tal-appellant, u dan hekk kif anke li kieku ċ-ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Bernard Briffa kellu jiġi kkunsidrat bħala nieqes minn valur probatorju għaliex ma jirrispekkjax il-kweżiti meħtieġa fl-Artikolu 646(7) tal-Kodiċi Kriminali[4], jirriżulta mill-affidavit ta' PS 2345 Monique Mangion illi mal-wasla tal-Pulizija fuq il-post tal-inċident, is-sewwieq tal-mutur kien diġa` ttieħed bl-ambulanza ġewwa l-isptar Mater Dei għall-kura. Wara kollox, kien ukoll l-istess appellant illi fl-istess stqarrija tiegħu lill-Pulizija *a tempo vergine* stqarr illi kien huwa stess illi sejjaħ għall-ambulanza fuq il-post sabiex jiġi assistit is-sewwieq tal-mutur. Għalkemm dan ma jwassalx għall-prova dwar in-natura tal-ġrieħi li ġew sofferti minn Chaves, huwa indubitat illi l-istess Chaves sofra xi forma ta' ġrieħi b'kawża tal-impatt illi seħħ mill-mutur misjuq minnu mal-vettura tal-appellant.

21. Illi madankollu għalkemm jirriżulta illi l-parti leża ġarrbet xi forma ta' ġrieħi, ma jirriżultax illi l-appellant ikkawża xi ħruq jew ħsara involontarja fit-termini tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali. Verament illi l-mutur kien involut fl-impatt mal-vettura misjuqa mill-appellant, iżda mill-atti proċesswali ma tirriżulta l-ebda prova konkreta illi l-mutur misjuq mill-parti leża ġarrab xi ħsarat, tant illi fil-*Full Road Traffic Accident Report* esebit fl-atti[5], taħt il-kliem "*DAMAGE FOR VEHICLE FQZ603*" jirriżultaw il-kliem "*NO VEHICLE DAMAGE*"[6], b'dan għalhekk illi l-prova meħtieġa mill-Prosekuzzjoni fix-xilja taħt l-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali, baqgħet ma tressqitx. Wieħed jista' jassumi fuq li jassumi illi l-mutur ġarrab xi forma ta' ħsarat bl-impatt, tenut kont ukoll tal-iskizz esebit a fol. 7 tal-atti proċesswali li juri l-mutur mimdud fit-triq, iżda fil-

[4] Hawnhekk irid jingħad ukoll illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġie ppreżentat affidavit mediku, li għal xi raġuni ma jinsabx esebit fl-atti proċesswali.
[5] Ara a fol. 8 tal-proċess.
[6] A fol. 13 tal-proċess.

kamp penali dan ma jikkostitwixxi l-ebda prova, li f'dan il-każ, hija għal kollox mankanti mill-atti proċesswali. Dan għalhekk ifisser illi ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi ġiet ikkaġunata xi ħsara fuq il-mutur in kwistjoni, iżda unikament fuq il-persuna tal-parti offiża. Fid-dawl tal-provi proċesswali, sabiex l-appellant seta' jinstab ħati, huwa kellu jiġi mixli bir-reat ravviżat fl-Artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali, u mhux b'dak fl-Artikolu 328 tal-istess Kodiċi.

22. Illi għaldaqstant, f'dan il-każ ma ġewx ippruvati l-elementi tar-reat tal-ħsara involontarja, u minkejja li jissussistu l-elementi tal-involontarjeta` tal-att inkriminatorju kkawżat minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, il-ħsara konsegwenzjali hija differenti minn dik ikkontemplata fl-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali, li f'dan il-każ ma tirriżultax, iżda hija dik ravviżata fl-Artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali.

23. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ayrton Azzopardi** tat-13 ta' Settembru 2024, b'referenza għas-sentenza, ukoll ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco Abdilla** tat-28 ta' April 1962:

Issa kien deċiż illi:

> **"Bil-fatt li tigi lilu attribwita mputazzjoni ta' reat, l-imputat ma jakkwista ebda dritt kwezit li jigi gudikat, biss u unikament, fuq l-imputazzjoni originali, fondata jew le. Jekk ic-citazzjoni tigi korretta, hu jista' jinstab hati anki ta reat aktar gravi nwovament dedott bil-korrezzjoni, anki jekk dan ir-reat nwovament dedott ma jibqghax fil-kompetenza nferjuri, imma jaqbez dik il-kompetenza; jekk, invece, ic-citazzjoni ma tigix korretta, allura hu ma jistghax jigi misjub hati ta' reat aktar gravi, imma jista' jinstab hati ta' reat anqas gravi, purke kompriz u nvolut fl-imputazzjoni originarja."**

Illi minn eżami tal-atti ma jidhirx illi l-Prosekuzzjoni talbet xi korrezzjoni fl-imputazzjoni addebitata lill-appellant. Huwa indubitat ukoll illi ir-reat tal-offiża fuq il-persuna huwa reat aktar gravi minn dak ikkontemplat fl-artikolu 328(b) li dwaru l-

appellant jinsab mixli u għal liema reat l-Ewwel Qorti sabet il-ħtija, u dan meta dan ir-reat ma kienx jikkonfigura mill-provi li kien hemm fl-atti.

24. Illi dan l-insenjament japplika bl-istess mod għall-każ odjern. La darba l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbet l-ebda korrezzjoni fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi sabiex tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni u għalhekk, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk indikati mill-appellant fl-aggravji minnu mressqa, din il-Qorti ssib illi l-ewwel imputazzjoni ma ġietx ippruvata u dan għaliex, kif diġa` ingħad, mill-provi proċesswali ma jirriżultax illi l-appellant huwa ħati tar-reat tal-ħsara involontarja fit-termini tal-Artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali.

25. Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellant ġie mixli bir-reat ta' sewqan traskurat fit-termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar liema reat huwa wkoll instab ħati mill-Ewwel Qorti, li bbażat id-deċiżjoni tagħha ta' ħtija fuq il-prinċipju li l-appellant **DEBONO** naqas milli jżomm *a proper lookout* u dan meta ħareġ minn fuq l-i*stop sign* minkejja illi kellu l-viżwali ostakolata. Fir-rigward, din il-Qorti tqis illi l-uniku xhud li ressqet il-Prosekuzzjoni, Fahed Aijian, iddeskriva kif fuq in-naħa tal-lemin tal-i*stop sign*, minn fejn ħareġ l-appellant huwa u jsuq il-vettura tiegħu, kien hemm vann ipparkjat u għalhekk "*wara Stop ma tistax tara min ġej hawnekk*",[7] li jfisser illi dan il-vann kien qiegħed ipparkjat wara l-i*stop sign*. Fuq domanda tal-Ewwel Qorti jekk l-appellant setax jara biex joħroġ minn fuq l-i*stop sign*, ix-xhud wieġeb hekk:

Qorti: U kien hemm il-vann qed tgħid ma setgħax jara biex joħroġ?

Xhud: Ezatt wara li ħareġ,

Qorti: Ipprova joħroġ jara u ħareġ iktar mill-vann?

[7] A fol. 19 tal-proċess. Ara din ix-xhieda a fol. 18 *et seq* tal-proċess.

> Xhud: U qabeż is-Stop kważi 6 metri imma dak kien għaddej bil-mutur, il-mutur ma smajtux kien għaddej bis-saħħa bis-saħħa.[8]

26. Hawnhekk din il-Qorti tislet illi għandha raġun il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta ġiet biex issib ħtija fl-appellant dwar sewqan traskurat fit-twettiq tal-manuvra tiegħu bil-vettura meta ġie biex joħroġ minn fuq l-i*stop sign*. L-appellant kellu l-viżwali ostakolata u għalhekk id-deċiżjoni li joħroġ minn fuq l-i*stop sign* u jaqbiżha b'ben sitt metri – skont ix-xhieda ta' Fahed Aijian - kienet manuvra azzardata, negliġenti u traskurata. Dak li kien mistenni minn sewwieq diliġenti f'dawn iċ-ċirkostanzi kien ċertament dak li jassikura għal kollox li minn kull naħa tat-triq ma kien għaddej ħadd qabel ma jittenta joħroġ għal kollox minn fuq l-i*stop sign* għal fuq it-triq prinċipali. Jekk kien hemm vann jostakola l-viżwali tiegħu, huwa ma kellux jażżarda joħroġ u jittanta xortih li f'dak il-mument ma jkun għaddej ħadd. Fuq il-kunċett ta' *proper lookout* din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josephine Dimech** tat-23 ta' Ġunju 2020, fejn dik il-Qorti qalet hekk : -

> 33. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-*isteering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[9]
>
> 34. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Id-dover ta' *proper lookout,*:
>
>> '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim."Il-Pul. vs. Joseph

[8] A fol. 20 tal-proċess.
[9] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għall-mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

Vella" – [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla, [17.6.1961])." In oltre "kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968):-

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."[10]

27. Illi għal din il-Qorti huwa evidenti illi l-appellant ma żammx *proper lookout*, għaliex kieku ħares tajjeb fuq in-naħa tal-lemin, kellu jara l-mutur ġej lejh. Issa veru illi Fahed Aijian xehed illi l-mutur kien ġej b'veloċita` qawwija, iżda dan ma mmaterjalizzax fit-triq f'daqqa waħda, u kellu jkun viżibbli għall-appellant għal ċertu ħin. La darba fl-istqarrija rilaxxjata minnu *a tempo vergine* l-appellant jgħid illi huwa ma ra lil ħadd ġej min-naħa tal-lemin tiegħu, huwa stess qed jammetti illi ma kienx qed iżomm *proper lookout.*

28. Hawnhekk issir referenza għal dak li jipprovdi l-*Highway Code* u b'mod partikolari għal dik il-parti li titkellem dwar *Road Junctions*. Skont Regolament 205 tal-*Highway Code,* sewwieq ta' vettura bil-mutur għandu jieqaf fuq *Stop Sign* u skont Regolament 206 fejn din l-i*stop sign* tkun tagħti għal triq li titqies *Road Junction,* is-sewwieq għandu l-obbligu "*to take full account of streams of traffic and, where waiting lines are provided, stop within such lines*". Għalhekk huwa ndubitat kif minn dak li xehed ix-xhud okulari Fahed Aijian, l-appellant naqas li jaderixxi mar-regoli tas-sewqan kif dettati mill-*Highway Code*.

29. Huwa minnu li anki x-xhud Fahed Aijian xehed fuq is-sewqan b'saħħtu tal-parti leża. L-appellant jattakka wkoll is-sejbien ta' ħtija tiegħu għal din it-tieni imputazzjoni billi jsostni illi jekk kien hemm xi sewqan traskurat, dan kien tal-parte ċivile u mhux tiegħu. Biss l-appellant ma użax dik id-diliġenza li kienet mistennija minnu bħala sewwieq ta'

[10] Hawnhekk il-Qorti kienet qed tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfons Abela**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Marzu 2005.

karozza li kien ħiereġ minn fuq l-i*stop sign* f'ċirkostanzi fejn il-viżwali tiegħu kienet ostakolata u allura ma setax jagħmel manuvra sikura. In kwantu għat-tifsira ta' sewqan traskurat, din il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997, fejn ingħad is-segwenti:

> **Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.

30. Illi tenut kont tas-suespost, il-Qorti tqis illi s-sewqan tal-appellant kien wieħed traskurat, b'dan għalhekk illi din il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant fir-rigward u tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-istess appellant fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni.

31. In kwantu għat-tielet imputazzjoni, l-appellant isostni li ma tressqet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi tindika kif huwa ma kienx fil-fatt waqaf fuq l-i*stop sign.* Skont it-tezi tal-Prosekuzzjoni, l-appellant **DEBONO** naqas milli jieqaf fuq is-sinjal tal-i*stop* qabel ma huwa ħareġ għat-triq prinċipali. Din il-Qorti, hawnhekk terġa' tagħmel referenza għall-kunsiderazzjonijiet tagħha *supra* u b'mod partikolari għax-xhieda ta' Fahed Aijian, mil-liema xhieda huwa evidenti illi l-appellant ħareġ 'il barra mill-i*stop sign* u qabiżha b'madwar sitt metri meta ħareġ għat-triq prinċipali u dan stante illi kien hemm vann ipparkjat li kien qed jostakola l-viżwali tiegħu.

32. Għaldaqstant anke hawn din il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant fir-rigward u tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-istess appellant għat-tielet imputazzjoni.

33. In kwantu għat-tieni u l-aħħar aggravju, l-appellant jilmenta mill-piena nflitta, u dan għaliex fil-fehma tiegħu din hija waħda eċċessiva tenut kont illi huwa għandu fedina penali netta, oltre illi huwa jeħtieġ il-liċenzja tas-sewqan sabiex jagħmel xogħlu ta' *delivery man.*

34. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

35. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range**

**for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[11]

36. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[12]

37. Kif ingħad iktar 'il fuq, din il-Qorti ma tqisx illi ġiet ippruvata l-ewwel imputazzjoni addebitata lill-appellant, u għaldaqstant, il-piena erogata trid neċessarjament tirrifletti dan. Tqis ukoll illi, in kwantu t-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn ewro (€1,200) jew ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sena, oltre illi l-Artikolu 15(3) tal-istess Kapitolu jipprovdi b'żieda ma' din il-piena, għall-iskwalifika tassattiva tal-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux inqas minn tmint ijiem. F'dan il-każ, l-appellant, permezz tat-tieni imputazzjoni, ġie mixli bir-reat ta' sewqan traskurat u allura japplikaw fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux dawk tal-Artikolu 15(2) tal-istess Kapitolu, li ġie ċċitat mill-Ewwel Qorti meta ġiet għall-parti deċiżorja tas-sentenza tagħha. Il-każ klassiku li għalih issir referenza f'dan il-kuntest huwa dak fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, deċiż minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-6 ta' Mejju 1997, li għalih saret referenza iżjed 'il fuq, u li fih ingħad hekk:

> **Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jlaħħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.

[11] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[12] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

> Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala <u>sewqan 'bi traskuragni kbira'</u>. Din it-tieni ipotesi, jigifieri sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita` ta' ħsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita` tal-incident u l-prezenza o meno tat-traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. <u>Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa</u>. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz – (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, App. Kriminali 21/5/1996).* [sottolinear ta' din il-Qorti]

38. Illi għalhekk la darba l-appellant ġie mixli bir-reat ta' sewqan traskurat, u mhux b'dak ta' sewqan bla kont, din il-Qorti tqis illi għandu japplika fil-konfront tiegħu, l-Artikolu 15(3) u mhux l-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

39. Dwar il-fatt illi l-appellant jilmenta illi għandu bżonn il-liċenzja għall-għixien tiegħu, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li rriteniet din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Adrian Saliba**</u> tal-11 ta' Ġunju 2020:

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud'**[13] fejn gie kkunsidrat li:

*'Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi <u>l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig</u> meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l-iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.'* [sottolinear ta' din il-Qorti]

## DECIDE

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell interpost minn **Godwin DEBONO** billi tilqa' l-appell *in parte* u tvarja s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant instab ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014).

2. Tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn l-appellant instab ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena dwar l-istess;

3. Tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie kkundannat għall-piena ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u minflok, wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-piena ta' multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650);

4. Tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn l-appellant ġie kkundannat għall-iskwalifika milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet (3) xhur, u minflok wara li rat l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien għoxrin (20) jum, dekorribbli mil-lum;

5. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ġew imposti tmien (8) punti ta' penali fuq il-liċenzji tas-sewqan tal-appellant, u dan fit-termini tar-Regolament 36B u tas-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**